FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2001**

**Numru 9**

**Avviz. numru 407/01JR**

**Roosendaal Trading Limited**

**vs**

**John Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm141.08c), rapprezentanti bilanc fuq il-valur ta' oggetti ta' ikel u xorb mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut gewwa n-negozju minnu gestit f'J.B. Self Service, Triq il-Merhba, Fgura, liema hlas baqa' ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenut.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru, 2001, u interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Rachel Montebello ghas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont intier mitlub fl-avviz ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentament pruvata, u wara li ra l-artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995 it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm141.08), bl-imghax legali mill-21 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**